MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 408/1995/2

**Anthony Borg**

**Vs**

**Dr. John Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Bank of Valletta Limited,**
**u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lid-detentur tal-libretti *bearer* mertu ta' din il-kawza imsimhom mhux maghruf, u b'digriet moghti fit-22 ta' Gunju 1999 gew nominati Dr. Lennart Depasquale u PL Madeline Firman bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lid-detenturi tal-libretti *bearer*.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur kien fetah kont *bearer* mas-socjeta` konvenuta liema kont kien miftuh anke permezz tal-produzzjoni tal-karta ta’ l-identita` tieghu;

Premess illi llum l-attur m’ghadx ghandu fil-pussess tieghu l-libretti tal-kont in kwistjoni peress li dan insteraqlu minn terzi flimkien ma’ oggetti ohra meta l-attur kien il-vittma ta’ serqa mid-dar tieghu li sehhet fl-14 ta’ Marzu 1995;

Premess illi s-socjeta` konvenuta, ghalkemm debitament interpellata sabiex tirrifondi lura lill-attur is-somma depozitata fil-kont in kwistjoni baqghet inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-flejjes depositati fl-akkont *bearer* in kwistjoni;

2. Tinibixxi in perpetwita s-socjeta` konvenuta milli jirrilaxxjaw il-flejjes depozitati fl-akkont in kwistjoni;

3. Tordna s-socjeta` konvenuta tirrilaxxja l-flus depozitati fl-akkont *bearer* in kwistjoni f’idejn l-attur;

Bl-ispejjez u l-imghax;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Banka konvenuta illi fiha hija eccepiet:-

1. Illi preliminarjament l-attur ghandu jindika n-numru tal-kont *bearer* relattiv u/jew tal-librett relattiv;

2. Illi mhux legalment possibbli li kont *bearer* jigi zbankat a favur ta’ xi persuna minghajr ma dik il-persuna tipproduci l-librett relattiv jew wara sentenza tal-Qorti;

3. Illi ghalhekk l-eccipjenti ma tistax tirrikonoxxi lill-attur bhala proprjetarju tal-kont u thallsu l-fondi ta' l-istess kont minghajr sentenza tal-Qorti;

Ghaldaqstant l-eccipjenti waqt li tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, mhijiex responsabbli ghall-ftuh ta' din il-kawza u m'ghandhiex thallas spejjez ta' din il-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-Banka konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Lennart Depasquale u l-PL Madeline Firman illi fiha huma eccipew:-

1. Illi huma ma kienux dedotti mill-fatti tal-kawza;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-attur irid jipprova it-titolu tieghu ghal-librett;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tat-23 ta' Gunju 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistant Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Din hi kawza dwar akkont '*bearer*' li l-attur jghid li l-librett tieghu gie sottratt lilu f'serqa li sehhet fid-dar tieghu fl-14 ta' Marzu 1995 u li meta talab lil Banka konvenuta biex tirrilaxxjalu l-flus din baqghet inadempjenti. Minn naha tieghu l-Bank of Valletta, li mieghu l-attur jallega li kien depozitat l-akkont, sostna li huwa biss tramite decizjoni

tal-Qorti li hu jista' jirrikonoxxi lill-attur bhala t-titolar ta' l-akkont u jghaddilu l-fondi;

Kienu bosta d-decizjonijiet tal-Qrati Taghna li ittrattaw materja konsimili ghal dik *de quo agitur.* In linea generali gie enuncjat il-principju illi ghalkemm fl-Artikolu 558(1) tal-Kodici Civili jinghad li l-pussess ghandu favur it-terzi ta' bona fidi l-effett stess tat-titolu dan ma ghandux bilfors ifisser dejjem li jekk jigi pruvat xort' ohra il-veru depozitant ta' titolu ghall-portatur, bhal ma hu proprju l-'*bearer* account', ma ghandux rimedju u d-dritt jivvanta jeddijiet billi jirreklama flusu lura, salv li jipprovdi certi garanziji. ("**Gaetano Abdilla noe -vs- Dottor Riccardo Farrugia noe**", Appell Kummercjali, 23 ta' Marzu 1992; "**Joseph Cauchi -vs- Joseph N. Tabone noe**" Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' April 1993; "**Salvatore Camilleri -vs- Alfred P. Farrugia noe**", Appell Kummercjali, 15 ta' Mejju 1995);

Huwa indubitat illi biex talba bhal dik agitata mill-attur tigi intrattenuta u moghtija debita konsiderazzjoni, tinhass impellanti illi l-provi jiggustifikaw l-akkoljiment ta' dak mitlub u li dwaru l-attur ikun adixxa lill-Qorti. Dan ghandu jkun hekk dejjem; *multo magis,* imbaghad, f'kaz ta' din ix-xorta in vista tal-presunzjoni tal-ligi fl-Artikolu surreferit, fejn allura "d-detenzjoni tat-titolu tippresumi mhux biss il-pussess imma anke l-proprjeta`" (**Vol. XLII P I p 611**);

Dan il-hsieb gie emfasizzat f'kawza b'meritu simili ghal dik in ezami, u fejn intqal li:-

"... l-proprjetarju spossessat jista' jipprocedi gudizzjarjament ghar-rikonoxximent tieghu bhala proprjetarju tat-titolu, purche` jipprova dan konkluzivament u jipprova ukoll it-telf jew is-serq li tieghu kien vittma ...." - **"Alfred Pace Bellizzi -vs- Louis Galea bhala Local Director ta' Barclays Bank**", Appell Kummercjali, 30 ta' April 1971;

Essenzjalment il-principju jibqa' dak illi l-Qorti trid tiddeciedi *iuxta allegata et probata* u, ghalkemm strettament ma hemm xejn illi jimpedixxi lill-Qorti li titlob li ssir il-proa li hi jidhrilha li tkun hekk necessarja biex ahjar

tapprezza l-fatti in kawza, ma kienx hemm xi obbligu fuq il-Qorti li tikkonduci l-provi tal-partijiet hi;

Dan kollu qed jigi rilevat in kwantu, tenut ukoll kont ta' l-iskarsita` tal-provi, l-attur kien dghajjef fil-prova ta' dak li l-allegazzjoni tieghu tikkontjeni. Hekk, per ezempju, ma gab l-ebda xhud estraneu li jaghti sostenn lill-fatt li kien hemm rapport lill-pulizija dwar is-serqa ta' hwejjgu, li hu kien elenkalhom. Naqas ukoll li jipproduci l-impjegat mil-fergha tal-Bank ta' Hal Luqa biex dan jikkorrobora l-ispjega ta' dak li xehed dwaru meta irrikkorra l-Branch;

Fi kwestjonijiet ta' apprezzament tal-provi u tal-valutazzjoni li trid isir dwarhom, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk din l-ispjegazzjoni hix possibbli, mehud rigward tal-grad ta' intellet ta' l-attur mill-mod kif iddepona. F'kull kaz, il-kwistjoni l-izjed sostanzjali tibqa' dik jekk il-Qorti temminx lill-atttur fl-allegazzjoni centrali tieghu li hu kien gie misruq u li l-librett *de quo* kien fost l-affarijiet li nsterqulu;

Il-Qorti hi propensa li almenu taccetta bhala plawsibbli, possibbli u verosimili l-versjoni ta' l-attur. Dan jinsab fil-fatt depost mix-xhud Dr. Michael Borg Costanzi, rapprezentant tal-Banka konvenuta, fis-seduta tas26 ta' Jannar 2000. Dan ix-xhud mhux biss jidentifika n-numru tal-librett izda wkoll il-persuna li ghamlet il-movimenti fih u li kellha identity card b'numru konformi ghal dak ta' l-attur (Dok. AB1, fol. 41 tal-process). Hemm ukoll il-korroborazzjoni ta' dan ix-xhud fir-rigward tad-depozitu f'dan il-'*bearer* account' u li jaghti sostenn l-istqarija ta' l-attur illi hu kellu xi elf u hames mitt lira (Lm1500) depozitati fil-'*bearer* book';

Ghal dawk li huma mizuri prattici li ghandhom jittiehdu u dan kif hekk hu ormai konswet f'kazijiet konsimili, din il-Qorti ser taddotta, ghalkemm temprat mic-cirkostanzi u t-trapass taz-zmien, ir-ragjonament konklussiv ta' dina l-Qorti, diversament presjeduta, in re "**Avv. Dr. Frank Xavier Cassar -vs- Dr John Grech noe**", per Imh. G. Caruana Demajo, 14 ta' Lulju 1995.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine*, tilqa' l-Ewwel Talba ta' l-attur billi tiddikjara illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-kapital u interessi akkumulati f'*bearer account* numru 12904107013 fil-Bank of Valletta plc;

Tilqa' ukoll it-Tieni Domanda fis-sens biss li zzomm lill-konvenut *nomine* milli jhallas il-flejjes fl-akkont imsemmi lil min jipprezenta l-librett ghal portatur li gie derubat, jekk mhux wara li jkun ordnat jaghmel dan b'sentenza tal-Qorti f'kawza li talvolta jipproponi l-portatur tal-librett u li fiha jkun imsejjah l-attur odjern;

Tilqa' wkoll it-Tielet Talba billi tordna lill-konvenut *nomine* jirrilaxxja lill-attur il-flejjes kollha fl-akkont sa' dakinhar li jsir l-izbank, b'dan illi l-attur ghandu jintrabat b'ipoteka generali tal-gid tieghu kollu li ghandu b'garanzija ghal kull dannu li l-Banka konvenuta tista' ssofri, sa' l-ammont tal-kapital u interessi jekk qatt din tigi b'sentenza kkundannata thallas lil kull terz possessur l-istess ammont.  Din il-garanzija ghandha tispicca jekk l-attur isib il-librett jew jekk lill-attur jirnexxielu jirrivendika l-librett minghand it-terz possessur jew jekk it-terz possessur jitlef il-kawza kontra l-konvenut *nomine* ghall-hlas tal-flejjes rapprezentati mil-librett.

Fic-cirkostanzi gjaladarba l-Banka konvenuta kienet korretta fl-agir taghha illi ma taccettax li toqghod ghal dak minnha pretiz mill-attur jekk mhux wara sentenza, l-ispejjez kollha ta' l-istanza prezenti ghandhom jigu sopportati mill-attur.

(ft) Philip Sciberras

____________________________

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

______________________
Emanuel Sciriha
Deputat Registratur